



Brussell, 2 ta' April 2020  
(OR. en)

7154/20

---

**Fajl Interistituzzjonal:**  
**2020/0054(COD)**

---

**FSTR 18**  
**REGIO 41**  
**FC 20**  
**SOC 186**  
**PECHE 84**  
**CADREFIN 54**  
**CODEC 235**  
**AGRISTR 19**

**PROPOSTA**

---

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	2 ta' April 2020
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2020) 138 final
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1303/2013 u r-Regolament (UE) Nru 1301/2013 rigward miżuri speċifċi biex tingħata flessibbiltà eċċeazzjonali għall-użu tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej b'reazzjoni għat-tifqigħha tal-COVID-19

---

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2020) 138 final.

---

Mehmuż: COM(2020) 138 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 2.4.2020  
COM(2020) 138 final

2020/0054 (COD)

Proposta għal

## **REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1303/2013 u r-Regolament (UE) Nru 1301/2013  
rigward miżuri speċifiċi biex tingħata flessibbiltà eċċeazzjonali għall-użu tal-Fondi  
Strutturali u ta' Investiment Ewropej b'reazzjoni għat-tifqigħa tal-COVID-19**

## **MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI**

### **1. KUNTEST TAL-PROPOSTA**

#### **• Raġunijiet u objettivi tal-proposta**

L-effetti diretti u indiretti tat-tifqigħa tal-COVID-19 qed ikomplu jiżdiedu fl-Istati Membri kollha. Is-sitwazzjoni attwali hija bla preċedent u f'dawn iċ-ċirkustanzi tirrikjedi li jiġu applikati miżuri eċċeżżjonali adattati għas-sitwazzjoni.

L-ewwel pakkett ta' miżuri propost mill-Kummissjoni fit-13 ta' Marzu 2020 introduċa għadd ta' bidliet importanti li jippermettu reazzjoni aktar effettiva fis-sitwazzjoni attwali. Sadanittant, l-effetti fuq l-ekonomiji u s-soċjetajiet tagħna komplew isiru dejjem aktar serji. Għaldaqstant huwa neċċessarju – bħala parti mit-tieni sett ta' miżuri – li mmorru lil hinn minn dak li huwa diġà possibbli u nagħtu flessibilità addizzjonali b'reazzjoni għas-sitwazzjoni attwali bla preċedent, u dan wassal ġhall-attivazzjoni tal-klawżola liberatorja ġenerali skont il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir.

Sabiex jiġi żgurat li l-appoġġ kollu mill-Fondi jkun jista' jiġi mobilizzat biex jiġu indirizzati l-effetti tat-tifqigħa tal-COVID-19 fuq l-ekonomiji u s-soċjetajiet tagħna, bħala miżura temporanja u eċċeżżjonali, mingħajr preġudizzju għar-regoli li jenħtieġ li japplikaw f'ċirkustanzi regolari, huwa neċċessarju li tkun permessa l-possibbiltà temporanja ta' kofinanzjament ta' 100 % mill-bagħit tal-UE għall-implimentazzjoni tal-programmi ta' politika ta' koeżjoni, kif ukoll possibbiltajiet addizzjonali ta' trasferiment bejn il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), il-Fond Soċċali Ewropew (FSE), u l-Fond ta' Koeżjoni, u bejn il-kategoriji ta' reġjuni. Barra minn hekk, ġie propost li l-Istati Membri jiġu eżentati mill-ħtieġa li jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' konċentrazzjoni tematika, biex ikun jista' jsir ridirezzjonar tar-riżorsi lejn iż-żoni l-aktar milquta mill-kriżi attwali. Din id-deroga tippermetti li r-riżorsi kollha disponibbli mill-FEŻR, mill-Fond ta' Koeżjoni u mill-FSE jiġu mobilizzati biex jingħelbu l-isfidi bla preċedent li l-Istati Membri qed iħabbtu wiċċhom magħħom minħabba t-tifqigħa tal-COVID-19. L-Istati Membri u r-reġjuni sejkun jistgħu jimmobilizzaw aktar riżorsi biex jiskalaw u jestendu l-iskemi tal-qgħad parżjali, biex jappoġġjaw il-kapital operatorju tal-SMEs u għal nefqa immedjata fis-settur tal-kura tas-saħħha.

Barra minn hekk, sabiex jiġi eliminat il-piż amministrattiv, li muwiex neċċessarju fiċ-ċirkustanzi attwali, minn fuq l-amministrazzjonijiet pubbliċi nazzjonali u Ewropej li jirriżulta mill-modifika tal-programmi, huwa neċċessarju wkoll li ma jiġux emendati l-Ftehimiet ta' Sħubija u li tiġi posposta l-iskadenza għas-sottomissjoni tar-rapporti annwali ta' implementazzjoni fl-2020, kif ukoll l-iskadenza għar-rapporti tal-Kummissjoni bbażati fuqhom. Barra minn hekk, se jiġu simplifikati ċerti rekwiżiti proċedurali marbuta mal-awditi u mal-istumenti finanzjarji. Minħabba l-limiti attwali biex jitwettaq xogħol ta' awditjar neċċessarju, fil-każ tal-FEŻR, tal-FSE, tal-FEMS u tal-Fond ta' Koeżjoni, jenħtieġ li tiġi prevista b'mod espliċitu l-possibbiltà li jintuża metodu mhux statistiku ta' teħid ta' kampjuni. Sabiex ikun jista' jsir aġġustament mill-ġdid malajr tal-istumenti finanzjarji biex ikun hemm reazzjoni effettiva għat-tifqigħa tal-COVID-19, jenħtieġ li ma jkunux meħtieġa aktar ir-riżzami u l-aġġornament tal-valutazzjoni *ex ante* u d-dokumenti ta' prova li juru li l-appoġġ li ngħata ntuża għall-iskop maħsub tiegħu. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-possibbiltajiet għall-appoġġ għall-kapital operatorju permezz tal-istumenti finanzjarji jiġu estiżi għall-FAEŻR.

Fl-aħħar nett, ġie propost li jiġi permess li l-FEŻR jappoġġja lill-impriżi f'diffikultajiet minħabba dawn iċ-ċirkustanzi speċifiċi, u b'hekk tīgħi żgurata l-konsistenza mal-aproċċ meħud skont il-Qafas Temporanju għal Miżuri ta' Għajnuna mill-Istat biex jingħata sostenn lill-ekonomija matul it-tifqigħha preżenti tal-COVID-19 u mar-regoli biex tingħata għajjnuna *de minimis*.

It-tifqigħha tal-COVID-19 aktarx sejkollha impatt serju wkoll fuq l-implementazzjoni ta' operazzjonijiet li għaddejjin bħalissa. Għaldaqstant, l-awtoritajiet nazzjonali jistgħu jikkunsidraw li jaġġustaw l-operazzjonijiet (pereżempju riżultati, limitu ta' żmien għal eżekuzzjoni, eċċ.) f'konformità mar-regoli nazzjonali tagħhom fejn meħtieġ u ġġustifikat, b'mod li jitnaqqas l-impatt tal-kriżi tal-COVID-19 fuq il-programmi. L-awtoritajiet nazzjonali jistgħu jqisu wkoll il-possibbiltà li jagħżlu operazzjonijiet ġodda jew li jniedu sejħiet ġodda jew addizzjonali jekk dan ikun meħtieġ.

Jista' jkun hemm każijiet fejn ċirkustanzi li jirriżultaw mit-tifqigħha tal-COVID-19 jikkwalifikaw bħala każ ta' forza maġġuri skont id-dritt nazzjonali u għaldaqstant jikkostitwixxu ġustifikazzjoni valida għall-inkapaċitā ta' konformità ma' obbligu. Il-Kummissjoni tqis li jenħtieġ li tintuża l-flessibbiltà kollha neċċesarja biex jiġi indirizzat in-nuqqas min-naħħa tal-benefiċjarji li jissodisfaw l-obbligi fil-ħin minħabba raġunijiet relatati mat-tifqigħha tal-COVID-19 (pereżempju, in-nuqqas ta' disponibbiltà tal-persunal). Bl-istess mod, il-Kummissjoni se turi l-istess flessibbiltà fil-valutazzjoni tal-konformità tal-Istati Membri mal-obbligli tagħhom. Sabiex jiġi żgurat li l-Istati Membri u r-reġjuni jagħmlu użu šiħi mill-appoġġ mill-Fondi, jenħtieġ li jkunu jistgħu jsiru aġġustamenti limitati tal-ammont massimu tal-kontribuzzjoni mill-Fondi għal kull priorità u kategorija ta' reġjuni meta jiġi stabbilit l-ammont tal-bilanċ finali li jkun irid jitħallas lill-programmi operazzjonali.

Dawn il-miżuri huma komplementari u addizzjonali għall-modifikasi leġiżlattivi proposti fit-13 ta' Marzu 2020. Dawn jirriżultaw mill-kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri permezz tat-Task Force tal-Inizjattiva ta' Investiment fir-Rispons għall-Coronavirus fejn digħà ġew indirizzati aktar minn 200 mistoqsja.

- Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Il-proposta hija konsistenti mal-qafas legali ġenerali stabbilit għall-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (ESI) u hija limitata għal emenda fil-mira tar-Regolament (UE) 1303/2013 u tar-Regolament (UE) Nru 1301/2013. Il-proposta tikkomplementa l-proposta tal-Kummissjoni COM(2020) 113 tat-13 ta' Marzu 2020 fir-rigward ta' miżuri speċifiċi biex jiġi mmobilizzati l-investimenti fis-sistemi tal-kura tas-saħħha tal-Istati Membri u f'setturi oħra tal-ekonomiji tagħhom b'reazzjoni għat-tifqigħha tal-COVID-19 (l-Inizjattiva ta' Investiment fir-Rispons għall-Coronavirus) kif ukoll il-miżuri l-oħra kollha li għandhom l-għan li jindirizzaw is-sitwazzjoni bla preċedent li għaddejjin minnha.

- Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Il-proposta hija limitata għal emendi fil-mira tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 u tar-Regolament (UE) 1301/2013 u hija konsistenti ma' politiki oħra tal-Unjoni.

## **2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ**

- Bażi ġuridika**

Il-proposta hija bbażata fuq l-Artikolu 177, 178 u 322 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Tipprevedi l-possibbiltajiet għal rata ta' kofinanzjament ta' 100 % u flessibbiltà finanzjarja taħt l-għan tal-Investiment għat-Tkabbir u l-Impjiegji bejn il-FEŻR, il-FSE, u l-Fond ta' Koeżjoni, u bejn il-kategoriji ta' reġjuni. Tiċċara l-eligaġġibbità tan-nefqa affettwata mill-miżuri fis-seħħ b'reazzjoni għall-kriżi tas-saħħha pubblika. Fl-aħħar nett, tnaqqas xi rekwiżiti għall-Istati Membri fejn dawn joħolqu piżijiet amministrattivi li jkunu jistgħu jdewmu l-implementazzjoni tal-miżuri b'reazzjoni għat-tifqigħha tal-COVID-19. Dawn il-bidliet eċċeżżjonali għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għar-regoli li jenħtieġ li jaġġi applikaw f'ċirkustanzi regolari.

- Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Il-proposta għandha l-għan li tippermetti derogi minn ċerti limitazzjonijiet skont id-dispożizzjonijiet tal-Unjoni li huma applikabbi bħalissa sabiex tkun permessa l-akbar flessibbiltà possibbli biex jiġu mobilizzati riżorsi tal-investiment eżistenti biex jiġu indirizzati l-effetti diretti u indiretti li jirriżultaw mill-kriżi tas-saħħha pubblika bla preċedent fil-kuntest tat-tifqigħha tal-COVID-19.

- Proporzjonalità**

Il-proposta hija bidla limitata u mmirata li ma tmurx lil hinn minn dak li hu neċċesarju biex jintlaħaq l-objettiv li jingħataw flessibbiltà addizzjonali u ċertezza tad-dritt biex jiġu mobilizzati l-investimenti b'reazzjoni għall-kriżiżi mifruxa tas-saħħha pubblika li jaġi indirizzati il-potenzjal tat-tkabbir tar-reġjuni u tal-impriżi u l-benesseri tal-pubbliku ġenerali.

- Għażla tal-strument**

Regolament huwa l-strument xieraq biex jiġu introdotti flessibbiltajiet addizzjonali meħtieġa biex jiġu indirizzati dawn iċ-ċirkustanzi bla preċedent.

## **3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT**

- Evalwazzjonijiet ex post/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Mhux applikabbi

- Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Ma sarux konsultazzjonijiet ma' partijiet ikkonċernati esterni. Madankollu, il-proposta ssegwi konsultazzjonijiet estensivi mal-Istati Membri u mal-Parlament Ewropew tul dawn l-aħħar ġimħat, u tqis aktar minn 200 mistoqsija ta' kjarifika u għal pariri li rċevew l-awtoritajiet nazzjonali dwar it-trattament tagħhom tal-miżuri ta' rispons għall-kriżi permezz tat-Task Force tal-Inizjattiva ta' Investment fir-Rispons għall-Coronavirus.

- **Gbix u użu tal-għarfien espert**

Mhux applikabbli

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Twettqet valutazzjoni tal-impatt biex jitħejjew il-proposti għar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 u r-Regolament (UE) Nru 1301/2013. Dawn il-bidliet limitati u mmirati ma jeħtiġux valutazzjoni tal-impatt separata.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Mhux applikabbli

- **Drittijiet fundamentali**

Mhux applikabbli

## **4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI**

Il-modifika proposta ma timplika l-ebda tibdil fil-limiti massimi annwali tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali għal impenji u pagamenti skont l-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1311/2013. It-tqassim annwali totali tal-appropriazzjonijiet ta' impenn skont ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 jibqgħu l-istess.

Il-proposta se tiffaċilita aċċellerazzjoni tal-implementazzjoni tal-programmi u tirriżulta fi frontloading tal-appropriazzjonijiet ta' pagament.

Il-Kummissjoni se tissorvelja mill-qrib l-impatt tal-modifika proposta dwar l-appropriazzjonijiet ta' pagament fl-2020 u tqis kemm l-implementazzjoni tal-baġit kif ukoll it-tbassir tal-Istati Membri.

## **5. ELEMENTI OĦRA**

- **Pjanijiet ta' implementazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

L-implementazzjoni tal-miżuri se tkun issorveljata u rapportata skont il-qafas tal-mekkaniżmi ta' rapportar ġenerali stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 1303/2013.

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-direttivi)**

Mhux applikabbli

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Ġie propost li r-Regolament (UE) Nru 1303/2013 (ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni) jiġi emendat biex jiżgura li l-Istati Membri jkunu jistgħu jitħolbu emendi għall-programmi operazzjonali biex jippermettu li tigħi applikata rata ta' kofinanzjament tal-UE ta' 100 % għall-programm operazzjonali rilevanti għas-sena ta' kontabbiltà 2020-2021 (l-

Artikolu 25a(1)). Il-Kummissjoni se tivvaluta u fuq din il-bażi tista' tiproponi estensjoni ta' din il-miżura.

Barra minn hekk, huwa importanti li jiġi żgurat li, għal emendi għall-programmi operazzjonali wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-possibbiltà li jiġu trasferiti allokkazzjonijiet għas-sena 2020 bejn il-FEŻR u l-FSE kif ukoll il-Fond ta' Koeżjoni taħt l-Investiment għall-mira tat-Tkabbir u l-Impiegħi tkun permessa mingħajr limitazzjonijiet (l-Artikolu 25a(2)). Jenħtieġ li r-riżorsi taħt il-mira ta' kooperazzjoni territorjali Ewropea, l-allokazzjonijiet addizzjonali għar-reġjuni ultraperiferiċi kif ukoll l-appoġġ għall-Inizjattiva favur l-Impiegħ taż-Żgħażaq u l-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn ma jiġux affettwati minn dawn it-trasferimenti.

Sabiex jiġu akkomodati l-ħtiġijiet tal-Istati Membri biex jindirizzaw l-isfidi speċifiċi attwali, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jitolbu trasferiment mill-allokazzjonijiet tagħhom għas-sena 2020 bejn il-kategoriji ta' reġjuni. Sabiex jiżguraw kontinwità fl-enfasi fuq ir-reġjuni anqas żviluppati, jenħtieġ li l-Istati Membri l-ewwel jeżaminaw possibbiltajiet oħra għat-trasferiment tal-fondi qabel ma jikkunsidraw trasferimenti mill-baġit għar-reġjuni anqas żviluppati minħabba l-implikazzjonijiet negattivi potenzjali ta' dawn it-trasferimenti għall-investimenti essenzjali fir-reġjun ta' oriġini jew għat-tlestija tal-operazzjonijiet magħżula qabel it-talba għat-trasferiment (l-Artikolu 25a(3) u (4)). Għall-emendi għall-programmi operazzjonali sottomessi wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li r-rekwiżiti ta' konċentrazzjoni tematika ma japplikawx (l-Artikolu 25a(5)).

Barra minn hekk, sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jikkonċentraw fuq ir-reazzjonijiet neċċesarji għat-tifqigħa tal-COVID-19 u jnaqqsu l-piżżejjiet amministrattivi, jenħtieġ li jiġu ssimplifikati ċerti rekwiżiti proċedurali marbuta mal-implimentazzjoni u l-awditi tal-programmi. B'mod partikulari, jenħtieġ li l-Ftehimiet ta' Shubja ma jibqgħux jiġi emendati (l-Artikolu 25a(6)), jenħtieġ li l-iskadenza għas-sottomissjoni tar-rapport annwali ta' implimentazzjoni tiġi posposta (l-Artikolu 25a(8)), u jenħtieġ ukoll li l-estensjoni tal-possibbiltà li l-Fondi u l-FEMS jużaw metodu mhux statistiku ta' teħid ta' kampjuni tiġi prevista b'mod espliċitu (l-Artikolu 25a(12)). Barra minn hekk, hemm previsti modalitajiet speċifiċi għall-invokazzjoni ta' forza maġġuri fil-kuntest tad-diżimpenn (l-Artikolu 25a(8)).

L-el-ġibbiltà tan-nefqa hija wkoll eċċeżzjonalment permessa għall-operazzjonijiet kompluti jew implementati bis-sħiħ u li jrawmu l-kapaċità tar-reazzjoni għall-kriżi fil-kuntest tat-tifqigħa tal-COVID-19 (l-Artikolu 25a(7)). Dawn l-operazzjonijiet jistgħu jintgħaż lu anke qabel ma l-Kummissjoni tapprova l-emenda neċċesarja għall-programmi.

Barra minn hekk, meta l-aġġustamenti jkunu neċċesarji fir-rigward tal-strumenti finanzjarji biex ikun hemm reazzjoni effettiva għal kriżi tas-saħħha pubblika, jenħtieġ li ma jkunux meħtieġa r-rieżami u l-aġġornament tal-valutazzjoni *ex ante* u d-dokumenti ta' prova li juru li l-appoġġ li ngħata ntuża għall-iskop maħsub tiegħi. Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġu estiżi l-possibbiltajiet għall-appoġġ għall-kapital operatorju skont il-FAEŻR (l-Artikolu 25a(10) u (11)).

Barra minn hekk, ġie propost ukoll li jkun hemm flessibbiltà addizzjonali fi tmiem il-programmi biex jiġi żgurat li r-riżorsi disponibbli jintużaw sal-massimu possibbli (l-Artikolu 1(3)).

Fl-aħħar nett, ġie propost li r-Regolament (UE) Nru 1301/2013 jiġi emendat biex jiġi permess li l-FEŻR jappoġġja lill-impriżi f'dawn iċ-ċirkustanzi speċifiċi, u b'hekk tiġi żgurata l-konsistenza mal-approċċ meħud skont il-Qafas Temporanu għal Miżuri ta'

Għajnuna mill-Istat biex jingħata sostenn lill-ekonomija matul it-tifqigħa preżenti tal-COVID-19 u mar-regoli biex tingħata għajjnuna *de minimis* (l-Artikolu 2).

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1303/2013 u r-Regolament (UE) Nru 1301/2013  
rigward miżuri speċifiċi biex tingħata flessibbiltà eċċeazzjonali għall-użu tal-Fondi  
Strutturali u ta' Investiment Ewropej b'reazzjoni għat-tifqigħa tal-COVID-19**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 177, 178 u 322(1)(a) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew<sup>1</sup>,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni<sup>2</sup>,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

- (1) L-Istati Membri ġew affettwati mill-konsegwenzi tal-kriżi tat-tifqigħa tal-COVID-19 b'mod bla preċedent. Il-kriżi tfixkel it-tkabbir fl-Istati Membri, li min-naħa tiegħu jidgrava n-nuqqas serju ta' likwidità minħabba ż-żieda f'daqqa u importanti fl-investimenti pubbliċi meħtieġa fis-sistemi tal-kura tas-saħħha tagħhom u f'setturi oħra tal-ekonomiji tagħhom. Dan ħoloq sitwazzjoni ecċeazzjonali li jeħtieġ li tiġi indirizzata b'miżuri speċifiċi.
- (2) Sabiex jirreaġixxu għall-impatt tal-kriżi, ir-Regolamenti (UE) Nru 1303/2013 u (UE) Nru 1301/2013 digħi ġew emendati biex jippermettu aktar flessibbiltà fl-implementazzjoni tal-programmi appoġġjati mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (“FEŻR”), il-Fond Soċjali Ewropew (“FSE”) u l-Fond ta’ Koeżjoni (“il-Fondi”) u mill-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (“FEMS”). Sabiex jikkontribwixxi għal reazzjoni effettiva għall-kriżi attwali, il-kamp ta’ applikazzjoni tal-appoġġ mill-FEŻR ġie estiż b'mod konsiderevoli.

<sup>1</sup> ĠU C., p..

<sup>2</sup> ĠU C., p..

- (3) Madankollu, l-effetti negattivi serji fuq l-ekonomiji u s-soċjetajiet tal-UE qed isiru agħar. Għaldaqstant, huwa neċċesarju li l-Istati Membri jingħataw flessibbiltà addizzjonali ecċeazzjonali biex ikunu jistgħu jirreaġixxu għal din il-kriżi bla preċedent billi jtejbu l-possibbiltà li jimmobilizzaw l-appoġġ kollu mhux utilizzat mill-Fondi.
- (4) Bil-ħsieb li jnaqqsu l-piż minn fuq il-baġits pubbliċi b'reazzjoni għas-sitwazzjoni ta' kriżi, jenħtieġ li l-Istati Membri jingħataw il-possibbiltà ecċeazzjonali li jitkolu li tīgħi applikata rata ta' kofinanzjament ta' 100 % għall-programmi ta' politika ta' koeżjoni għas-sena ta' kontabbiltà 2020-2021, f'konformità mal-approprijazzjonijiet tal-baġit u soġġetta għall-fondi disponibbli. Abbażi ta' valutazzjoni tal-applikazzjoni ta' din ir-rata ta' kofinanzjament ecċeazzjonali, il-Kummissjoni tista' tiproponi estensjoni ta' din il-miżura.
- (5) Sabiex l-Istati Membri jingħataw aktar flessibbiltà biex jirriallokaw ir-riżorsi bil-ħsieb li jingħata respons imfassal apposta għall-kriżi tas-saħħha pubblika, jenħtieġ li jiġu introdotti jew imtejba l-possibbiltajiet għal trasferimenti finanzjarji taħt l-Investiment għall-mira tat-Tkabbir u l-Impjieg bejn l-FEŻR, il-FSE u l-Fond ta' Koeżjoni. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-possibbiltajiet ta' trasferiment bejn il-kategoriji ta' reġjuni wkoll jiżdiedu ecċeazzjonālment għall-Istati Membri minħabba l-impatt mifrux tal-kriżi tas-saħħha pubblika, filwaqt li jiġu rispettati l-objettivi tat-Trattat għall-politika ta' koeżjoni. Jenħtieġ li r-riżorsi taħt il-mira ta' kooperazzjoni territorjali Ewropea, l-allokazzjonijiet addizzjonali għar-reġjuni ultraperiferiċi kif ukoll l-appoġġ għall-Inizjattiva favur l-Impjieg taż-Żgħażaq u l-Fond għal Għajnejha Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn ma jiġux affettwati minn dawn it-trasferimenti.
- (6) Sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jużaw ir-riżorsi disponibbli biex jirreaġixxu għat-tifqigħa tal-COVID-19 u filwaqt li jqisu li, minħabba l-istadju avvanzat tal-implimentazzjoni tal-perjodu ta' programmazzjoni 2014–2020, ir-riallokazzjoni tar-riżorsi tista' tikkonċerna biss ir-riżorsi disponibbli għall-programmazzjoni għas-sena 2020, huwa ġġustifikat li l-Istati Membri jiġu ecċeazzjonālment eżentati mill-ħtieġa li jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' konċentrazzjoni tematika sa tmiem il-perjodu ta' programmazzjoni.
- (7) Sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jikkonċentraw fuq ir-reazzjoni neċċesarja għat-tifqigħa tal-COVID-19 u biex inaqqsu l-piżżejjiet amministrattivi, jenħtieġ li jiġu ssimplifikati ċerti rekwiżiti proċedurali marbuta mal-implimentazzjoni u l-awditi tal-programmi. B'mod partikulari, jenħtieġ li l-Ftehimiet ta' Sħubija ma jibqgħux jiġu emendati sa tmiem il-perjodu ta' programmazzjoni la biex jirriflettu l-bidliet preċedenti fil-programmi operazzjonali u lanqas biex jintroduu bidliet oħra. Jenħtieġ li tiġi posposta l-iskadenza għas-sottomissjoni tar-rapporti annwali ta' implimentazzjoni għas-sena 2019, l-istess kif jenħtieġ li jsir għat-trażmissjoni tas-sommarju ta' rapport tal-Kummissjoni bbażat fuq dawk ir-rapporti annwali ta' implimentazzjoni. Rigward il-Fondi u l-FEMS, jenħtieġ ukoll li jiġi previst b'mod espliċitu li tingħata possibbiltà estiżza biex l-awtoritajiet tal-awditjar jużaw metodu mhux statistiku ta' teħid ta' kampjuni fir-rigward tas-sena ta' kontabbiltà 2019-2020.
- (8) Huwa xieraq ukoll li jiġi spċifikat li l-eliġibbiltà tan-nefqa tkun ecċeazzjonālment permessa għall-operazzjonijiet kompluti jew implementati bis-sħiħ u li jrawmu l-kapaċità tar-reazzjoni għall-kriżi jiet fil-kuntest tat-tifqigħa tal-COVID-19. Dawn l-operazzjonijiet jistgħu jintgħaż lu anke qabel ma l-Kummissjoni tapprova l-emenda

nécessarja għall-programmi. Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġu previsti modalitajiet spċifici għall-invokazzjoni ta' forza maġġuri fil-kuntest tad-diżimpenn.

- (9) Barra minn hekk, sabiex jitnaqqsu l-piżżejjiet amministrattivi u d-dewmien fl-implementazzjoni fejn it-tibdil fl-strumenti finanzjarji huwa nécessarju biex ikun hemm reazzjoni effettiva għal kriżi tas-sahħha pubblika, jenħtieġ li sa tmiem il-perjodu ta' programmazzjoni ma jkunux meħtieġa aktar ir-rieżami u l-aġġornament tal-valutazzjoni *ex ante* u l-pjanijiet aġġornati ta' direzzjoni tan-negozju jew dokumenti ekwivalenti bħala parti mid-dokumenti ta' prova li juru li l-appoġġ li ngħata ntuża għall-iskop maħsub tiegħu. Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġu estiżi l-possibbiltajiet għall-appoġġ għall-kapital operatorju permezz tal-strumenti finanzjarji taħt il-FAEŻR.
- (10) Sabiex jiġi żgurat li l-Istati Membri jkunu jistgħu jagħmlu użu sħiħ mill-appoġġ mill-Fondi jew mill-FEMS, jenħtieġ li tingħata flessibbiltà addizzjonali għall-kalkolu tal-pagament tal-bilanċ finali fi tmiem il-perjodu ta' programmazzjoni.
- (11) Sabiex jiġi ffaċilitati t-trasferimenti awtorizzati skont dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-kundizzjoni stipulata fl-Artikolu 30(1)(f) tar-Regolament Finanzjarju rigward l-użu tal-approprazzjonijiet għall-istess objettiv ma tapplikax fir-rigward ta' trasferimenti proposti skont dan ir-Regolament.
- (12) Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza bejn l-approċċ meħud skont il-Qafas Temporanju għal Miżuri ta' Ghajjnuna mill-Istat biex jingħata sostenn lill-ekonomija matul it-tifqigħa preżenti tal-COVID-19 u l-ghajjnuna *de minimis* minn naħħa u l-kundizzjoni biex jingħata appoġġ lill-impriżi f'diffikultà skont il-FEŻR min-naħħa l-oħra, jenħtieġ li r-Regolament (UE) Nru 1301/2013 jiġi emendat biex jippermetti li dawn l-impriżi jingħataw appoġġ f'dawn iċ-ċirkustanzi spċifici.
- (13) Billi l-objettivi ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li jkun hemm reazzjoni għall-impatt tal-kriżi tas-sahħha pubblika billi jiġu introdotti miżuri ta' flessibbiltà fil-qasam tal-għoti ta' appoġġ mill-Fondi ESI, ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri waħedhom u għaldaqstant, minħabba l-iskala u l-effetti tal-azzjoni proposta, jistgħu jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu nécessarju biex jintlaħqu dawk l-objettivi.
- (14) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 1303/2013 u r-Regolament (UE) Nru 1301/2013 jiġi emendati skont dan.
- (15) Minħabba l-urġenza tas-sitwazzjoni relatata mat-tifqigħa tal-COVID-19, huwa xieraq li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fid-data tal-publikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċċiali tal-Unjoni Ewropea*.
- (16) Fid-dawl tat-tifqigħa tal-COVID-19 u l-urġenza biex tiġi indirizzata l-kriżi tas-sahħha pubblika assoċjata magħha, jitqies nécessarju li tintuża l-eċċeżżjoni għall-perjodu ta' tmien ġimġħat imsemmi fl-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 1 dwar ir-rwol tal-Parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea, li huwa anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*  
**Emendi għar-Regolament (UE) Nru 1303/2013**

Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 huwa emendat kif ġej:

- (1) jiżdied dan il-Kapitolu ġdid fit-Titolu II tat-Tieni Parti:

“KAPITOLU V

**Miżuri eċċeazzjonali għall-użu tal-Fondi ESI b'reazzjoni għat-tifqigħa tal-COVID-19”;**

*“Artikolu [25a]*

***Miżuri eċċeazzjonali għall-użu tal-Fondi ESI b'reazzjoni għat-tifqigħa tal-COVID-19***

1. B'deroga mill-Artikolu 60(1) u l-ewwel u r-raba' subparagraphu tal-Artikolu 120(3), fuq talba tal-Istat Membru, tista' tīgi applikata rata ta' kofinanzjament ta' 100 % għan-nefqa ddikjarata fl-applikazzjonijiet għal pagament matul is-sena ta' kontabbiltà li tibda fl-1 ta' Lulju 2020 u li tintemм fit-30 ta' Ġunju 2021, għal ass ta' priorità wieħed jew aktar fi programm appoġġat mill-FEŻR, mill-FSE jew mill-Fond ta' Koeżjoni.

It-talbiet għal modifika tar-rata ta' kofinanzjament għandha ssir permezz tal-proċedura għall-emenda ta' programmi ppreżentata fl-Artikolu 30 u għandha tkun akkumpanjata mill-programm(i) rivedut(i). Ir-rata ta' kofinanzjament ta' 100 % għandha tapplika biss jekk il-Kummissjoni tapprova l-emenda tal-programm korrispondenti mhux aktar tard mis-sottomissjoni tal-applikazzjoni finali għal pagament interim f'konformità mal-Artikolu 135(2) tar-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni.

Qabel ma tīgi sottomessa l-ewwel applikazzjoni għal pagament għas-sena ta' kontabbiltà li tibda fl-1 ta' Lulju 2021, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw it-tabella msemmija fl-Artikolu 96(2)(d)(ii), li tikkonferma r-rata ta' kofinanzjament li kienet applikabbli matul is-sena ta' kontabbiltà li tintemм fit-30 ta' Ġunju 2020 għall-prioritajiet ikkonċernati miż-żieda temporanja għal 100 %.

2. B'reazzjoni għat-tifqigħa tal-COVID-19, fuq talba tal-Istati Membri, ir-riżorsi disponibbli għall-ipprogrammar għas-sena 2020 għall-Investiment għall-mira tat-Tkabbir u l-Impjiegji jistgħu jiġu trasferiti bejn il-FEŻR, il-FSE u l-Fond ta' Koeżjoni, huma x'inhuma l-persentaġġi msemmija fil-punti (a) sa (d) tal-Artikolu 92(1).

Għall-fini ta' dawn it-trasferimenti, ir-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 92(4) ma għandhomx japplikaw.

It-trasferimenti ma għandhomx jaffettwaw ir-riżorsi allokat i-għall-YEI f'konformità mal-Artikolu 92(5) u għall-għajnuna għal dawk l-aktar fil-bżonn

taħbi l-Investiment għall-mira tat-Tkabbir u l-Impjieg i f'konformità mal-Artikolu 92(7).

